TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Fit-Tribunal Ghal talbiet tal-Konsumatur

Robert Pace

vs

Fair Deal Furniture

CCT 80/16

25 ta' Lulju 2016

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent ipprezentat fit-18 ta' April 2016 fejn talab ir-rifuzjoni tal-ammont ta' tlett mija sitta u hamnin Euro (€356.00) prezz ta' erba stools mixtrija mis-socjeta' intimata li beda hiereg is-sadid minnhom wara biss ftit xhur illi gew ikkonsenjati.

Ra illi minkejja d-debita notifka tal-azjenda intimata din baqghet ma wegbitx ghat-talba tar-rikorrent u lanqas ma deher ir-rappreżentant taghha meta ssejhet il-kawza fit-13 ta' Gunju 2016.

Sema' x-xhieda bil-gurament tar-rikorrent fejn ikkonferma it-talba tieghu u ipprezenta set dokumenti li juru is-sadid fuq l-istools imsemmija.

Fil-kontumacja tal-azjenda intimata jilqa' t-talba tar-rikorrent peress illi din tidher li hi gustifkata kif jidher mix-xhieda guramentata u d-dokumenti msemmija u jikkundanna lill-azjenda intimata li jirrifondi s-somma ta' tlett mija u sitta u hamsin Euro (356.00) lir-rikorrent bid-dritt li l-azjenda intimata tiehu lura l-istools mertu ta' din il-kawza.

Bl-ispejjes kontra l-azjenda intimata.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru